MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CARUANA DEMAJO GIANNINO

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1197/1998/1

**Ċitazzjoni 1197/1998**

**Elaine Mortimer**
***versus***
***Tal-Franċiż Construction Limited***

F’din il-kawża l-attriċi qiegħda titlob illi l-qorti tħassar il-qbid ta’ ħwejjeġ ta’ l-attriċi bis-saħħa ta’ mandat li kien inħareġ fuq talba tal-konvenuta kontra terzi.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi kienu nqabdu xi ħwejjeġ bis-saħħa ta’ mandat ta’ qbid numru 3906/1997 fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Limited versus*** **Raymond Camilleri** u b’dikriet ta’ l-24 ta’ Novembru 1997 il-qorti kienet ordnat illi l-ħwejjeġ maqbuda jinbiegħu *sub hasta.* L-attriċi iżda tgħid illi l-ħwejjeġ maqbuda ma kinux tad-debitur iżda kienu tagħha, u kienu nqabdu mir-residenza tagħha. Hija kienet għarrfet lis-soċjetà konvenuta illi l-ħwejjeġ maqbuda kienu tagħha, u kienet ukoll talbitha biex twaqqaf il-bejgħ, iżda l-konvenuta xorta baqgħet sejra bil-

proċeduri tal-bejgħ *sub hasta* u għalhekk l-attriċi kellha tiftaħ din il-kawża tallum u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi l-ħwejjeġ maqbuda bis-saħħa ta' mandat ta' qbid numru 3906/1997 fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Limited versus*** **Raymond Camilleri** huma ħwejjeġ l-attriċi; u

2. tħassar il-mandat ta' qbid 3906/1997 u twaqqaf għal kollox il-bejgħ *sub hasta* tal-ħwejjeġ maqbuda.

Talbet ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. l-attriċi għandha qabel xejn tagħmel prova illi l-ħwejjeġ maqbuda huma tagħha; u

2. għalkemm kien hemm żewġ ġranet appuntati għall-bejgħ *sub hasta*, u d-debituri kienu notifikati, il-konvenuta saret taf bil-pretensjoni ta' l-attriċi wara li kien sar rikors minnha fl-4 ta' Ġunju 1998, għaxar xhur wara illi l-attriċi kienet taf bil-mandat, u għalhekk l-attriċi għandha f'kull każ teħel l-ispejjeż tal-kawża.

Il-fatti ta' din il-kawża ġraw hekk:

B'sentenza mogħtija fis-16 ta' Mejju 1997 fil-kawża fl-ismijiet ***Tal-Franċiż Construction Limited versus*** **Raymond Camilleri u Pauline Scifo**, il-qorti kienet ikkundannat lil Raymond Camilleri u Pauline Scifo jħallsu lill-attriċi mitejn u ħamsa u disgħin lira (Lm295) u sehem mill-ispejjeż tal-kawża. Biex titħallas, l-attriċi kisbet il-ħruġ ta' mandat ta' qbid numru 3906/1997, u, meta dan il-mandat kien esegwit fl-appartament numru sitta (6), *Manoel Block*, Saint George's Park, San Ġiljan, inqabdu xi ħwejjeġ mobbli: *television set*, żewġ *wallunits*, żewġt imwejjed u tmien siġġijiet.

Id-debitur Raymond Camilleri joqgħod ma' l-attriċi fil-fond fejn saret l-esekuzzjoni, u ilu joqgħod magħha għaxar snin[1], wara li nfired minn martu. L-attriċi xehdet illi meta d-debitur infired minn martu, din ħadet il-ħwejjeġ mobbli kollha, u kull ma hemm fil-fond fejn illum id-debitur joqgħod ma' l-attriċi, fosthom il-ħwejjeġ maqbuda, huma ta' l-attriċi, u ma hemm xejn li hu tad-debitur.

Bħala xiehda tal-proprjetà tal-ħwejjeġ maqbuda, l-attriċi esebiet kopja ta' talba magħmula f'isimha biex tinħareġ

---

[1] Ara x-xiehda ta' l-attrici fis-seduta tat-28 ta' Mejju 1999 quddiem l-assistent gudizzjarju, *fol.* 33.

liċenza biex iżżomm *television set*[2], iżda din it-talba saret fis-7 t'Ottubru 1998, wara illi kienu ġà nqabdu l-ħwejjeġ u wara li nfetħet il-kawża, u fil-fehma tal-qorti huwa wisq ovvju illi saret apposta biex toħloq prova għal din il-kawża. Għalhekk il-qorti ma hix sejra toqgħod fuq dan id-dokument.

Fil-proċess hemm ukoll riċevuta tal-4 t'Ottubru 1989 maħruġa lill-attriċi għax-xiri ta' għamara[3], fosthom uħud mill-ħwejjeġ maqbuda. Dan id-dokument, iżda, ma kienx imwettaq bil-ġurament ta' min għamlu, u ma hux wieħed mid-dokumenti illi, skond l-artt. 627 *et seqq.* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, jagħmel prova ta' dak li fih. Il-qorti għalhekk hija tal-fehma illi ma għandhiex toqgħod fuq dan id-dokument.

Fil-fatt, għalkemm huwa minnu illi n-nies normalment ma jżommux riċevuti għal ħwejjeġ illi jkunu xtraw snin qabel, xejn ma hu probabbli illi l-attriċi u d-debitur ilhom igħixu flimkien għaxar snin u kull ma għandhom huwa biss ta' l-attriċi, waqt illi d-debitur ma għandu xejn.

Id-debitur għandu jagħti mhux biss lill-konvenuta iżda wkoll lill-bank, u ma hix ġdida l-istorja ta' debituri illi jagħmlu mod li juru li ma għandhom xejn tagħhom biex hekk jevadu l-ħlas ta' dak li għandhom jagħtu.

Il-qorti temmen illi dan hu dak li ġara fil-każ tallum; ma temminx illi d-debitur, wara li ilu għaxar snin igħix ma' l-attriċi fl-istess dar magħha ma għandu xejn tiegħu u illi kollox huwa ta' l-attriċi. Għalhekk, fil-fehma tal-qorti, lill-attriċi ma seħħilhiex li turi illi l-ħwejjeġ maqbuda huma proprjetà tagħha.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti taqta' l-kawża billi tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż ġudizzjarji kollha.

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

2 *Foll.* 75 *et seq.*

3 *Fol.* 77.

Connie Micallef
Dep. Reġ.